MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 1902/1999/1

**L'Onda Limited**

**v.**

**Ocean Way Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li tghid hekk:
"Peress illi s-socjeta` attriċi tiġġestixxi impriża tas-sajd;

“U peress illi fil-25 ta’ Awissu 1997 is-soċjetajiet kontendenti daħlu fi ftehim li bih is-socjeta` konvenuta bigħet u trasferiet lis-socjeta` attriċi, li xtrat u akkwistat il-lanċa bl-isem *La Onda*, liċenzjata mal-Fisheries Department bl-ittra “F” numru mitejn u disgħa u disgħin (F299) u bin-numru uffiċjali tal-*Malta Maritime Authority* ħamest’elef erba’ mija u sitta u għoxrin (5426) inklużi l-magna *Kelvin UK* ta’ l-elf disa’ mija u tmienja u sebgħin (1978), radjijiet VHF u SSV bil-*call sign* disgħa ittra ‘H’ ħamsa sebgħa u erbgħa sitta u kompriżi wkoll il-winċijiet, xbieki, *depth finder* u t-tagħmir tan-navigazzjoni relattiv;

“U peress illi s-socjeta` konvenuta pprovdiet il-lanċa u s-socjeta` attriċi aċċettata sabiex l-istess socjeta` attriċi tkun tista’ tużaha fin-negozju tas-sajd fl-ibħra territorjali ta’ Malta u lill-hinn mill-istess ibħra territorjali, u dan anke taħt assigurazzjoni ta’ idoneita` tal-lanċa kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

“U peress illi rriżulta li l-lanċa ma kinitx tajba għan-negozju li għalih inbigħet peress illi kellha difeti li dolozament inħbew mis-socjeta` konvenuta u minn uffiċċjali tagħha biex b’hekk is-socjeta` attriċi ġiet ingannata;

“U peress illi minħabba d-difetti msemmija s-socjeta` attriċi ma setgħetx tiġġestixxi n-negozju tagħha;

“U peress illi minħabba d-difetti msemmija s-socjeta` attriċi kellha tagħmel diversi spejjeż oħra li ma kinux previsti;

“U peress illi s-socjeta` attriċi sofriet danni kbar minħabba l-aġir tas-socjeta` konvenuta u ta’ l-uffiċċjali ta’ l-istess socjeta` konvenuta;

“U peress illi s-socjeta` konvenuta ġiet interpellata sabiex tgħaddi għal-likwidazzjoni u ħlas ta’ danni kawżati lis-socjeta` attriċi, iżda baqgħet inadempjenti;

“Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi;

“1. Tiddikjara illi bl-aġir tagħha kif fuq deskritt is-socjeta` konvenuta kkawżat danni lis-socjeta` attriċi;

“2. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi, id-danni kawżati bl-imsemmi aġir tas-socjeta` konvenuta, jew uffiċċjali tagħha;

“3. Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta tħallas lis-socjeta` attriċi d-danni hekk likwidati.

“Bir-riserva ta’ kull azzjoni fil-liġi; bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta nġunta għas-subizzjoni.”

Rat id-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civli fit-22 ta’ Gunju, 2001, li in forza tieghu laqghet it-talba tas-socjeta` konvenuta biex tiggustifika l-kontumacja taghha u pprefigiet terminu lill-istess socjeta` biex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta (fol. 40) li in forza taghha eccepiet illi
“1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż billi l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-artikoli 1431 tal-Kodiċi Ċivili.

“2. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż billi mhux minnu li l-lanċa ma kinitx tajba għan-negozju u mhux minnu li kellha difetti li nħbew mis-socjeta` konvenuta.

“3. Illi l-uffiċjali tas-socjeta` attriċi għandhom esperjenza kbira fil-qasam tas-sajd u meta sar il-bejgħ huma ddikjaraw formalment quddiem in-Nutar li huma sodisfatti mill-kondizzjoni tal-lanċa(Dok A).

“4. Illi s-socjeta` attriċi ma kkawżat ebda danni lis-socjeta` attriċi.

“5. Illi s-socjeta` attriċi hi debitriċi tas-socjeta` konvenuta kif jirriżulta minn sentenza deċiża (Ċitaz. Nru.

592/99 AJM – deċiża fil-21 ta’ Marzu, 2001 kif ukoll hi debitriċi tas-socjeta` konvenuta skond sentenza oħra (Ċitaz. 597/99 – deċiża 20/7/1999) liema sentenza hi appellata. Illi dawn il-proċeduri huma tentattiv ieħor tas-socjeta` attriċi li tevita l-ħlas dovut lis-socjeta` konvenuta.

“6. Salvi eċċezzjonijiet oħra.”

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Marzu, 2003, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni (dik tal-preskrizzjoni biennali) sollevata mis-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez a kariku tas-socjeta` konvenuta;

Rat is-sentenza fil-meritu moghtija mill-istess Qorti fit-13 ta’ Novembru, 2006, li in forza taghha, wara li laqghet l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta` konvenuta, cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez, hlief dawk gia decizi, kontra s-socjeta attrici;

Dik il-Qorti tat din l-ahhar sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi din l-azzjoni hija pjuttost insolita għaliex normalment xerrej li ma jkunx kuntent bl-akkwist li jkun għamel għal xi raguni jew oħra jipprovedi biex jew jannulla l-kuntratt inkella jitlob tnaqqis fil-prezz. F’ dan il-każ is-socjeta` attriċi qed titlob id-danni iżda mingħajr ma talbet dikjarazzjoni ta’ nullita` tal-bejgħ. Infatti l-Artikolu 1390 li huwa l-uniku artiklu li jipotizza danni derivanti minn kuntratt ta’ bejgħ, jorbot lix-xerrej biex jekk jitlob id-danni minħabba li l-kwalita` ta’ l-oġġett mibjugħ ma tkunx skond kif imwiegħed irid fi kliem il-liġi, *jirrifjuta l-ħaġa.* Fi kliem ieħor irid jannulla l-kuntratt u jitlob id-danni. L-alternattiva skond l-artikolu msemmi huwa li istitwixxi l-azzjoni *aestimatoria* fejn tintalab riduzzjoni fil-prezz. Din l-alternattiva, m’hijiex preċiżament azzjoni għad-danni – ara s-sentenza Bonnici vs Francica deċiża mill-Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Gunju, 2003.

“Infatti jekk wieħed imur lura għall-kawża deċiża fid-19 ta’ April, 1940 fl-ismijiet Raffaele Barbara vs Tommaso Vella per eżempju, il-Qorti tal-Appell preseduta mill-Prim

Imħallef Mercieca qalet; "*Id-danni f'każ ta' bejgħ jew ta' enfitewsi jistgħu jiġu mitluba biss bħala konsegwenza ta' l-azzjoni redibitoria jew l-azzjoni estimatoria.*"

"Din il-Qorti in sostanza taqbel ma' dan. Madankollu f'din il-kawża s-socjeta` konvenuta ma ppreżentat ebda eċċezzjoni f'dan is-sens; biss huwa żgur li biex ikun hemm lok għal danni jeħtieġ li s-socjeta` attriċi tipprova li s-socjeta` konvenuta kienet taf bid-difetti msemmija fiċ-ċitazzjoni; fi kliem ieħor li l-istess socjeta` konvenuta kienet doluża meta biegħet l-oġġett in kwistjoni – mhux bħal meta wieħed jeserċita l-azzjoni *aestimatoria* fejn allura l-attur ma jkollux bzonn jipprova li l-konvenut kien jaf bid-difett. Minn eżami tal-provi jirriżulta li din il-prova ma nġabitx. Għalkemm kontro-eżaminat fit-tul, George Zammit li hu direttur tas-socjeta` konvenuta, mhux biss qal li kien ċert li d-dgħajsa kienet tajba għax-xogħol izda anke esebixxa ċertfikati bhal *surveys*, illi jikkonfermaw dan. Il-fatt illi d-dgħajsa seta' kellha difetti li ma kinux jidhru ma jfissirx li l-konvenuti kienu jafu biha. F'kull każ, anke jekk dan kien jiġi pruvat, *nonostante* li ma tressqet ebda eċċezzjoni fis-sens fuq indikat, il-Qorti tħoss ukoll illi jkun kontro sens li taċċetta li takkorda danni meta l-kuntratt jibqa' *in vigore*, u tmur kontra dak li jistipula l-Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili għaliex fil-waqt li hu minnu li l-Qorti normalment tieħu in konsiderazzjoni biss l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u ma tressqahomx hi, ma jistax ikun li l-Qorti tiddeċiedi mod ieħor milli tippreskrivi l-liġi b'mod daqshekk ċar."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` L'Onda Limited li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet lil din il-Qorti joghgobha:
"Tirriforma s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Civili Prima Awla fl-ismijiet "L'Onda Limited vs Ocean Company Limited" Citazzjoni Numru 1902/99 JA deciza fit-13 ta' Novembru 2006, u dan billi tikkonfermaha in kwantu cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u thassarha u tirrevokaha in kwantu laqghet l-eccezzjonijiet l-ohra, u minflok tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici, u dan taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun, bl-

ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

Ghal kull buon fini, din il-Qorti tirrimarka li ma kienetx bis-sahha tas-sentenza tat-13 ta’ Novembru, 2006, li l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, izda b’dik precedenti tal-20 ta’ Marzu, 2003, u allura ma kellhiex tintalab ir-riforma tas-sentenza tat-13 ta’ Novembru, 2006, izda r-revoka totali taghha;

Rat ir-risposta tas-socjeta` Ocean Ways Company Limited li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet lil din il-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut (recte: socjeta` attrici).

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta’ Frar 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat

Illi din hi kawza ghad-danni allegatament subiti mis-socjeta` attrici in segwitu ghax-xiri li hi ghamlet minghand is-socjeta` konvenuta ta’ lanca tal-bahar numru F299, peress li allegat li l-istess lanca kienet affetta minn difetti mohbija. L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici wara li kkunsidrat li skond il-ligi u l-gurisprudenza, danni f’kaz ta’ bejgh jistghu jigu mitluba biss bhala konsegwenza tal-azzjoni redibitorja proposta mix-xerrej, azzjoni li x-xerrej f’dan il-kaz, is-socjeta` attrici, ma pproponietx.

Is-socjeta` attrici appellat u apparti li argumentat li l-azzjoni minnha proposta hi sostennibbli, qalet ukoll li s-sentenza finali tikkontradixxi dak li gie deciz mill-istess Qorti fis-sentenza preliminari tal-20 ta’ Marzu, 2003. Hi ssostni li per konsegwenza ta’ tali decizjoni, inholqot sitwazzjoni “ambivalenti u dubbjuza”, peress li, fi kliemha:
“... fuq naha wahda hemm prezenti sentenza bejn l-istess partijiet kontendenti li tghid li l-azzjoni ghal hlas ta’ danni tista’ tigi sostnuta minghajr ma jigu ezercitati kemm l-*actio redhibitoria* kif ukoll l-*actio aestimatoria* filwaqt li fuq in-

naha l-ohra hemm sentenza ohra dejjem bejn l-istess partijiet u fl-istess atti tal-process li skartat ghal kollox dak li sostniet hi stess fis-sentenza parzjali taghha u ddecidiet ezattament il-kontra ta’ dak li kienet qalet precedentement billi tiddikjara li l-azzjoni tas-socjeta` attrici ma tistax tigi mantenuta peress li qabel titlob danni hi kellha titlob in-nullita` tal-kuntratt ta’ bejgh.”

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma’ dan l-argument tas-socjeta` attrici. Bis-sentenza ta’ Marzu, 2003, l-ewwel Qorti qalet biss li l-azzjoni <u>kif proposta</u> mhix milquta bil-preskrizzjoni eccepita, ghax il-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili tolqot l-azzjonijiet redibitorja u estimatorja kontemplati fl-Artikolu 1427 tal-istess Kodici, u mhux dik proposta mis-socjeta` attrici f’din il-kawza. Dik il-Qorti ma qaletx li azzjoni ta’ danni tista’ tigi sostnuta fic-cirkustanzi tal-kaz. Il-fatt li l-azzjoni proposta mhix milquta bi preskrizzjoni partikolari, ma jfissirx li dik l-azzjoni hi valida. Ghall-fini tal-preskrizzjoni, il-Qorti trid thares lejn l-azzjoni <u>kif proposta</u>, b’mod li jibqa’ impregudikat jekk dik l-azzjoni tistax tirnexxi. L-ewwel Qorti ddecidiet li l-azzjoni proposta hi wahda ghad-danni u allura mhux milquta bil-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 1431. Fis-sentenza finali taghha l-ewwel Qorti osservat li bhala azzjoni ghad-danni, din mhix proponibbli fil-fattispecie tal-kaz.

Isegwi, ghalhekk, li ma hemm xejn kontradittorju jew ambigwu fis-sentenza jew sentenzi tal-ewwel Qorti. Mhux hekk biss, imma ghamlet sew l-ewwel Qorti li dderimiet l-azzjoni b’dak il-mod avolja ma gietx imressqa eccezzjoni specifika f’dak is-sens. Il-Qorti giet mitluba taghti rimedju li mhux kontemplat fil-ligi, u kwindi ma tistax taghtih anke jekk il-kwistjoni baqghet ma gietx sollevata formalment.

Ghar-rigward tad-decizjoni nnfisha, din il-Qorti kellha gia` okkazjoni tosserva li f’kaz li jigu allegati difetti mohbija f’oggett mixtri, r-rimedji kontemplati fil-Kodici Civili huma biss dawk maghrufa bhala l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni estimatorja, u mhux lecitu li xerrej li ma jitlobx dawn ir-rimedji, jipprova johloq rimedju iehor. Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha fil-kawza **Fenech v. Lagana`** deciza fit-28 ta’ Novembru, 2008, ghall-aktar

approfondament u rassenja tal-gurisprudenza fl-istess sens fuq dan il-punt. Xerrej li wara l-bejgh jiskopri difetti fl-oggett, fit-termini tal-Kodici Civili ma jistax izomm l-oggett tal-bejgh u jitlob danni, izda, jekk irid izomm l-oggett, irid jagixxi tramite l-*actio aestimatoria*, u jitlob tnaqqis fil-prezz relatat ma' x'kien ihallas kieku kien jaf bid-difetti, kuncett li hu differenti minn danni.

Kwindi l-azzjoni tas-socjeta` attrici ma tistax tirnexxi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` attrici, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez in l-ewwel istanza jibqghu kif decizi, u dawk ta' dan it-tieni stadju jithallsu mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------